# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 12**
**Citaz. Nru. 921/97 JZM**

**Mary Caruana, Doris Farrugia, Carmen Vella, Sylvia Cassar u Frank ahwa Tartaglia u ommhom Emilia Tartaglia sive Intartaglia u b`digriet tal-25 ta` Gunju 2007, stante l-mewt ta` Emilia Tartaglia sive Intartaglia l-atti gew trasfuzi f`isem l-appellanti l-ohra Mary Caruana, Doris Farrugia, Carmen Vella, Sylvia Cassar u Frank Tartaglia**

***kontra***

**Giuseppina Ainsworth, u Joseph D`Ugo bhala mandatarju u ghan-nom ta` l-assenti Stella Attard, Rose Miller, Clement, Emanuel, ahwa Briffa ;**

**u b`digriet tat-23 ta` Mejju 2001, gew nominati l-kuraturi deputati Dr. Mark M. Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja biex jidhru ghall-eredi tal-mejta Giuseppina Ainsworth ;**

**u b`digriet tal-11 ta` Gunju 2001, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* n-nomina tal-kuraturi deputati Dr. Mark M. Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja ;**

**u b`nota ta` Eleonora sive Nelli D`Ugo tal-10 ta` Lulju 2001, hija accettat il-bandu biex tidher bhala eredi tal-mejta Giuseppina Ainsworth ;**

**u b`digriet tal-14 ta` Novembru 2002, gew nominati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta` Rose Miller ;**

**u b`digriet tal-10 ta` Jannar 2011 Joseph D`Ugo u Tanya Denise Douse assumew l-atti minflok il-mejta Eleonora sive` Nellie D`Ugo bhala ulied u eredi universali taghha ;**

**u b`digriet tal-25 ta` Novembru 1999, Joseph D`Ugo gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-mejta Stella Attard ;**

**u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2011 l-atti tal-kawza f`isem Stella Attard nee Briffa gew trasfuzi f`isem Joseph Attard bhala werriet prezunt taghha ;**

**u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2011 l-atti tal-kawza f`isem Emanuel Briffa gew trasfuzi f`isem Joseph Briffa bhala werriet prezunt tieghu ;**

**u b`digriet tad-29 ta` Settembru 2011 l-atti tal-kawza f`isem Rose Miller nee Briffa gew trasfuzi f`isem Sue Carr bhala trustee in kwantu l-eredita` li tirrapprezenta hija l-prezunta eredi taghha ;**

**u b`digriet tat-13 ta` Jannar 2012 gew nominati l-Avukat Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Noel Scerri bhala Kuraturi**

**Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Frank Attard u Thomas Killoran bhala werrieta prezunti ta` Stella Attard nee Briffa ; Carmen West bhala werrieta prezunta ta` Emanuel Briffa ; Elizabeth Grove, Doris Street, Gladys Miller, Margaret Miller u Mary Bruce bhala werrieta prezunti tal-konvenuta Rose Miller nee Briffa;**

**u b`nota pprezentata fis-7 ta` Marzu 2013 Joseph D`Ugo nomine assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta` Clement Briffa, Joseph Briffa u Joseph Attard, u dan ai termini tan-nota pprezentata fit-13 ta` Gunju 2011 a fol 391 et seq.**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-25 ta` April 1997 li taqra hekk :–

*Peress illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta` Lulju, 1972 Valentina u Paul konjugi Briffa ghamlu testment unica charta fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut fejn inter alia istitwew lil xulxin eredi universali u propjetarji assoluti ta` l-assi ereditarji taghhom, minghajr il-fakulta` di variare ;*

*U peress illi l-istess Paul Briffa, matul il-hajja ta` martu Valentina Briffa, b`testment fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat seba (7) ta` Ottubru 1987, irrevoka l-imsemmi testment unica charta u, inter alia, innomina w istitwixxa bhala eredi universali lill-hutu konvenuti f`dawn il-proceduri u b`hekk tilef kull jedd li kellu bis-sahha ta` l-imsemmi testment unica charta fuq l-assi tal-mejta martu Valentina Briffa ;*

*U peress illi skond l-artikolu 594 tal-Kapitolu 16, l-assi tal-mejta Valentina Briffa, bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt taghha, ghaddew kollha lill-werrieta taghha legittimi ;*

*U peress illi l-komunjoni tal-akkwisti illi l-istess Valentina Briffa kellha ma` zewgha qatt ma giet likwidata ;*

*U peress illi l-werrieta legittimi ta` Valentina Briffa huma skond l-artikolu 814 tal-Kap 16 l-atturi cioe` t-tfal tal-mejjet Joseph Tartaglia hu l-mejta Valentina Briffa billi (i) l-esponenti jirrapprezentaw skond l-artikolu 804 tal-Kap 16 lil missierhom Joseph Tartaglia illi miet fil-hamsa (5) ta` Novembru 1987 ab intestato u billi (ii) Swor Teresa Tartaglia, oht l-istess Valentina Briffa u Joseph Tartaglia, rrinuncjat il-wirt ta` din ta` l-ahhar ;*

*U peress illi l-konvenuti jidhrilhom illi ghandhom jedd fuq il-hwejjeg tal-wirt tal-mejta Valentina Briffa u nfatti dan l-ahhar, il-konvenuti jew min minnhom hadu pussess tas-sehem indiviz tad-dar numru ghaxra (10), Triq il-Fatati, l-Hamrun u xi mobbli go l-istess fond illi jifformaw parti mill-wirt tal-istess Valentina Briffa, u ghaldaqshekk, skond l-artikolu 838 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, l-atturi huma, fil-fatt, imnehhija mill-pussess, ossija molestati, u ghalhekk, jistghu jezercitaw kull azzjoni li tmiss lilhom bhala l-pussessuri legittimi, kif bil-prezenti qeghdin jaghhmlu ai termini ta` l-artikolu 534 tak-Kapitolu 16 ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m`ghandiex dina l-Qorti :-*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-assi tal-mejta Valentina Briffa ghaddew, ai termini tal-artikoli 593 u 594 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, lill-atturi bhala l-werrieta legittimi ta` l-istess Valentina Briffa, u dan ghar-ragunijiet premessi ; u*

*2. Konsegwentement, tillikwida (i) sehem l-imsemmija Valentina Briffa mill-komunjoni ta` akkwisti ezistenti ma` zewgha l-mejjet Paolo Briffa, u (ii) l-assi parafernali ta` l-istess Valentina Briffa ; u*

*3. Tordna d-divizjoni ta` l-assi ereditarji ta` Valentina Briffa, kif likwidati skont it-talba precedenti, mill-assi ereditarji ta` zewgha l-mejjet Paolo Briffa ; u*

*4. Tordna u tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrijintegraw l-atturi fil-pussess ta` l-assi ereditarji tal-mejta Valentina Briffa illi jigi hekk likwidat u diviz skont it-talbiet precedenti, taht dawk il-provvedimenti kollha illi l-Qorti jidrilha xierqa ; u*

*5. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta` l-immobbli u/jew assi ohra ereditarji tal-mejta Valentina Briffa li ma jistghux jigu komodament divizi skont it-talbiet precedenti ; u*

*6. Tinnomina nutar biex jippublika l-att ta` divizjoni, u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta` Novembru 1996, tal-mandat ta` deskrizzjoni numru 1999/97/AS, u tal-mandat ta` inibizzjoni numru 2000/97 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mac-citazzjoni.

**Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta (<u>RCP</u>) fejn il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghall-udjenza tat-30 ta` April 1998.**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Giuseppina Ainsworth u Joseph D`Ugo li kienet prezentata fit-<u>22 ta` April 1998</u> u taqra hekk :–

*1. Preliminarjament illi d-dikjarazzjoni tal-atturi hija monka peress li jonqosha firma tal-Prokuratur Legali.*

*2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi m`humiex il-werrieta tal-konjugi Briffa u dan skond ma jindikaw iz-zewg testmenti*

*maghmulin minnhom datati 21 ta` Lulju, 1972 u 7 ta` Ottubru,1987, rispettivament.*

*4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti pro et noe huma l-unici eredi u dan skond testment ta` Paul Briffa datat 7 ta` Ottubru, 1987.*

*5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 593 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghal kawza odjerna stante li ma kienx hemm thassir wara l-mewt ta` Valentina Briffa.*

*6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mal-mewt ta` Valentina Briffa, it-testment unica charta datat 21 ta` Lulju 1972, kellu l-effett naturali u legali tieghu u cioe li zewgha, Paolo Briffa, sar l-eredi universali taghha u ghaldaqstant zewgha gie li ma rrevoka xejn fil-konfront tal-mejta martu.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Ainsworth u D`Ugo, u l-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` April 1998 fejn id-difensur tal-konvenuti Ainsworth u D`Ugo ddikjara li kien qieghed jirtira l-ewwel eccezzjoni.**

**Rat illi fl-istess udjenza l-kawza kienet assenjata lil Imhallef iehor (FGC).**

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tal-1 ta` Frar 1998.

Rat nota ohra b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-istess jum.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Suor Teresa Tartaglia.

**Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fil-25 ta` Gunju 1999 mnejn jirrizulta li dak li kien il-fond 10, Triq il-Fatati, Hamrun, inbidel in-numru tieghu, u sar 24, Triq il-Fatati, Hamrun.**

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-10 ta` Jannar 2000.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-atturi Frank Tartaglia, Silvia Cassar, Carmen Vella, Doris Farrugia u Mary Caruana, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

**Rat illi l-kawza kienet assenjata lil Imhallef iehor (RCP).**

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-1 ta` Gunju 2001.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fit-18 ta` Gunju 2001.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fis-16 ta` Lulju 2001.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda illi taw Paul Gambina u Maria Buhagiar fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2001.

**Rat illi l-kawza kienet assenjata lil Imhallef iehor (DC).**

Rat id-digriet li nghata fl-udjenza tat-12 ta` April 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta` lill-partijiet li jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentaw Av. Dr Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita`

gjacenti ta` Rose Miller fil-21 ta` Jannar 2004 fejn eccepew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u l-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

**Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Frar 2005 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

Rat illi l-atturi pprezentaw rikors ta` appell minn din is-sentenza.

**Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Ottubru 2007 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati laqghet l-appell tal-atturi, hassret u rrevokat is-sentenza appellata, u filwaqt li qeghdet lill-kontendenti fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata, ordnat sabiex l-atti jintbaghtu lil din il-Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema` u tigi deciza skond il-ligi u konformement mas-sentenza, bl-ispejjez tal-ewwel u tat-tieni istanza jithallsu mill-konvenuti solidament bejniethom.**

**Rat illi l-kawza kienet assenjata lil Imhallef iehor (GV).**

**Rat illi l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta wara l-28 ta` Jannar 2009.**

Rat ir-risposta guramentata tat-22 ta` Mejju 2012 li pprezentaw Av. Dr. Noel Bartolo u P.L. Noel Scerri bhala kuraturi ta` l-assenti Frank Attard, Thomas Killoran, Carmen West, Elizabeth Grove, Doris Street, Gladys Miller, Margaret Miller u Mary Bruce fejn eccepew illi ma kienux edotti mill-fdatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-persuni minnhom rapprezentati u ghalhekk talbu lir-rikorrenti sabiex jipprovdulhom kull informazzjoni dwar kif jikkomunikaw mal-assenti.

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici Mary Caruana flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Romuald Attard fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Frances Zammit u Romuald Attard fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013 u rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Semghet ix-xiehda ta` Frances Zammit fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014 u rat id-dokumenti li kienu prezentati.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-konvenut Joseph D`Ugo fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2014.

Rat il-verbali tas-seduti kondotti mill-Assistent Gudizzjarju Av. Anna Mifsud Bonnici fis-17 ta` Settembru 2014 u fl-20 ta` Ottubru 2014.

Rat in-nota konguntiva li pprezentaw il-partijiet fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2015 u d-dokumenti li pprezentaw l-atturi.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-23 ta` April 2015 fejn laqghet it-talba tal-atturi sabiex jizdiedu xi talbiet.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sintesi tal-provi</u>

**Suor Theresa Tartaglia** xehdet illi hija tigi z-zija ta` uhud mill-atturi u oht il-mejta Valentina sive` Vanda Briffa. Ohtha Vanda kienet izzewwget lil Anthony sive` Ninu Bonavia izda dan miet wara li kienu ilhom zmien qasir mizzewgin. Hija qattghet xi zmien maghhom peress li kienet tghin lil ohtha fid-dar. Fl-1950 Vanda zewwget lil Pawlu Briffa u marru joqghodu fil-fond 10, Triq il-Fatati, Hamrun. Billi kienet iz-zghira fil-familja, kienet tghin lil ohtha fil-facendi, sakemm baqghet Malta. Anke wara li siefret u meta kienet tigi Malta ghal btala, hija kienet tmur toqghod ghand Vanda u Pawlu Briffa. Meta ohtha mardet, hija kienet iddur biha u tmur kuljum mar-ragel taghha biex taraha wara li giet rikoverata l-isptar. Wara l-mewt ta` Vanda, Pawlu kien fdalha c-cwievet tad-dar, peress li hija baqghet iddur b` Pawlu wkoll. Ftit taz-zmien qabel miet Pawlu Briffa, hija kienet ser issiefer u tatu lura c-cavetta tad-dar. Minn dejjem kellha kellha relazzjoni tajba ma` Pawlu Briffa u mal-familja tieghu.

Kompliet tixhed illi wara l-mewt ta` Pawlu Briffa, inbidlet is-serratura tad-dar tieghu, u hadd mill-familja Tartaglia ma seta` jidhol hemm gew. Fid-dar taghhom, Vanda kienet hadet diversi oggetti li kellha mill-ewwel zwieg taghha, u hwejjeg ohra li xtrathom qabel iz-zwieg taghha ma` Pawlu Briffa, jew ghax kienu wirt tal-familja taghha. Hija identifikat l-affarijiet li tnizzlu fil-mandat ta` deskrizzjoni li sar kontra l-konvenuti u li kienu oggetti personali ta` ohtha Vanda. Apparti l-affarijiet li ndikat, il-bqija ta` l-oggetti kienu jappartjenu lil Pawlu u Vanda Briffa flimkien. Ikkonfermat li ohtha Vanda kellha kollezzjoni ta` first day covers li kienet inbdiet minn ohtha l-ohra Carmela Tartaglia. Vanda kienet kompliet din il-kollezzjoni matul iz-zwieg taghha ma` Pawlu Briffa. Hija kienet talbet lil Pawlu Briffa biex jirritorna l-kollezzjoni izda Pawlu Briffa lahaq miet bla ma taha lura. Vanda kellha wkoll kaxxa b`muniti antiki ta` valur li kienu tal-familja taghha izda din ma kenitx inkluza fil-mandat ta` deskrizzjoni.

Ix-xhud irrinunzjat ghal kull dritt taghha ghall-wirt ta` ohtha Valentina sive` Vanda Briffa.

**L-attrici Mary Caruana** xehdet li Paolo Briffa kien irrevoka l-parti tieghu tat-testment unica charta li hu u martu Valentina kienu ghamlu fil-21 ta` Lulju 1972, minghajr il-kunsens ta` Valentina, meta kienet ghadha hajja, permezz ta` testment li ghamel fis-7 ta` Ottubru 1987. Il-gid ta` Valentina Briffa intiret minnha u minn hutha, atturi fil-kawza tal-lum : Doris Farrugia, Carmen Vella, Sylvia Cassar u Frank Tartaglia, mhux minn zewgha Paolo Briffa jew mill-familjari tieghu, peress li Paolo Briffa kien tilef dak li kien sejjer jiret minghand martu bis-sahha tat-testment unica charta.

Hija spjegat li l-konvenuti fil-kawza tal-lum` huma hut il-mejjet Paolo Briffa. Xi whud minnhom mietu fil-mori tal-kawza. Il-kawza saret wara l-mewt ta` Paolo Briffa, peress li qabel miet Paolo, hi u hutha ma kinux jafu, u ma setghux ikunu jafu li Paolo kien ghamel testment iehor wahdu, fejn bidel il-parti tieghu tat-testment unica charta ma` martu. Kien wara l-mewt ta` Paolo Briffa li huma saru jafu bit-tieni testment tieghu u cioe` dak tas-7 ta` Ottubru 1987.

Ikkonferma li Valentina sive Vanda Briffa kellha tliet hutha : u cioe` Suor Theresa Tartaglia ; Maria Carmela Tartaglia li baqghet xebba ; u missierha Joseph Tartaglia. Maria Carmela Tartaglia mietet xebba minghajr ulied fl-1971, qabel mietet Valentina. Suor Theresa Tartaglia rrinunzjat ghall-wirt ta` ohtha Valentina. Missierha Joseph Tartaglia miet fl-1987 minghajr testment u ghalhekk hi u hutha huma l-eredi universali tieghu. Hi u hutha huma l-eredi ta` Valentina Briffa. Valentina kienet armla qabel izzewget lil Paolo Briffa. Valentina wirtet lill-ewwel ragel taghha. Mill-ewwel u mit-tieni zwieg, Valentina ma kellhiex ulied.

Mary Caruana xehdet illi fir-rigward tal-komunjoni ta` l-akkwisti ta` bejn Valentina u Paolo Briffa, irrizulta li l-kontijiet bankarji u bilanci relattivi kienu qeghdin f`isem Paolo Briffa u kienu jammontaw ghal Lm 33,137.11c. Minnhom ittiehdet is-somma ta` Lm 3,627.50c sabiex thallset it-taxxa tas-successjoni fuq dak li hi u hutha wirtu minghand Valentina Briffa. Il-parir legali li kellhom kien illi xorta wahda kellha tithallas it-taxxa minkejja li kien hemm pendenza gudizzjarja. Hija ma kenitx taf mill-banek dwar jekk fid-data tal-mewt ta` Valentina Briffa kienx ghad hemm kontijiet bankarji ta` Paolo Briffa u x` kienu l-bilanci relattivi. Lanqas ma kienet infurmata mill-banek dwar x`assi bankarji kien hemm f`isem Valentina Briffa u l-bilanc relattiv. Sostniet illi nofs il-flus li kellhom il-konjugi Briffa fid-data tal-mewt ta` Valentina Briffa kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghhom, u ghalhekk hi u hutha wirtu dawk il-flus, ladarba Paolo Briffa tilef dak li wiret minghand martu abbazi tat-testment unica charta.

Kompliet tfisser illi l-fond 24 gia` 10 Triq il-Fatati, Hamrun, kien id-dar taz-zwieg ta` Valentina u Paolo Briffa. Hi u membri ohra tal-familja taghha dejjem zaru lill-konjugi Briffa f`dik id-dar. Valentina Briffa kellha in-nofs indiviz ta` dik id-dar. U hekk kienet iddenunzjata.

Qalet illi matul iz-zwieg taghhom, il-konjugi Briffa xtraw qabar fic-Cimiterju ta` l-Addolorata flimkien ma` missierha Joseph Tartaglia. Ghalhekk kwart indiviz ta` dan il-qabar provenjenti mill-wirt ta` Valentina Briffa kellu jghaddi favur taghha u ta` hutha l-atturi l-ohra.

Xehdet illi fil-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Briffa kien hemm diversi hwejjeg mobbli.

Qalet illi uhud mill-oggetti elenkati fil-mandat ta` deskrizzjoni kienu oggetti parafernali jew personali ta` Valentina Briffa u ghalhekk ma jaghmlux parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti.

Ix-xhud elenkat l-oggetti li kienu jaghmlu parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti tal-konjugi Briffa, kif ukoll elenkat l-oggetti li kienu parafernali ta` Valentina Briffa. Stqarret illi l-listi kienu komposti in linea ma` dak li xehdet Suor Theresa Tartaglia li kienet midhla ta` Valentina Briffa. Suor Theresa nnotat li xi oggetti parafernali ta` Valentina kienu nieqsa, senjatament il-kollezzjoni ta` first day covers u l-kollezzjoni ta` muniti antiki. Fissret li l-kollezzjoni tal-first day covers kellha valur ta` cirka Lm 1,000 waqt li l-kollezzjoni tal-muniti antiki kellha valur ta` cirka Lm 500. Il-valur ta` dawn iz-zewg kollezzjonijiet kellu jidhol fil-komputazzjoni ta` sehem Valentina Briffa b` dana illi nofs il-kollezjoni tal-muniti u nofs il-kollezjoni tal-first day covers kienu parafernali ta` Valentina Briffa waqt li n-nofs l-iehor kien tal-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Briffa. Li jfisser li z-zewg kollezzjonijiet kienu jappartjenu in kwantu ghal tliet-kwarti lill-atturi, u in kwantu ghal kwart lill-konvenuti.

Kompliet tixhed illi fil-likwidazzjoni kellha tittiehed in konsiderazzjoni s-somma li thallset lil terz akkwirent meta kien gie koncess lilu c-cens ta` bicca art ossija gnien gewwa Hal Balzan stante li dan il-gnien kien proprjeta` parafernali ta` Valentina Briffa. Il-gnien kien jappartjeni in kwantu ghal nofs lil Valentina Briffa u in kwantu ghan-nofs l-iehor lil missierha Joseph Tartaglia. Ipprezentat kuntratt tat-3 ta` Marzu 1980 mnejn jirrizulta li c-cens tal-gnien kien prorogat minn missierha u minn Valentina Briffa. Valentina u missierha kienu kkoncedew parti mill-gnien ghal Lm 16,000. Ghalhekk – skond ix-xhud – l-atturi kellhom jigu rifuz nofs is-Lm 16,000.

Insistiet illi Paolo Briffa kellu relazzjoni tajba maghhom ; tant li kien ta c-cavetta tad-dar lil ohtha Carmen Vella. Wara li miet Paolo Briffa, Joseph D'Ugo bidel is-serratura tal-bieb tad-dar u rrifjuta li jaghti kopja taghha lill-atturi.

Fi zmien aktar ricenti fl-iter ta` din il-Qorti, l-attrici Mary Caruana pprezentat affidavit.

Hija sostniet li fil-kawza tal-lum il-pretensjonijiet tal-atturi bhala eredi ta` Valentina Briffa jirrigwardaw l-assi appartenenti lil Valentina Briffa fil-gurnata tal-mewt taghha, u l-imghaxijiet.

Skond ix-xhud, l-assi ta` Valentina Briffa jikkomprendu n-nofs indiviz tac-cens temporanju tal-fond 10, Triq il-Fatati Hamrun. L-atturi baqghu jhallsu c-cnus dovut fir-rigward ta` nofs indiviz tad-dar ; ghalhekk kwalunkwe ammont li jista` ghadu dovut lill-Joint Office ghandu jithallas mill-eredi ta` Paolo Briffa.

Il-wirt ta` Valentina Briffa kien jinkludi l-mobbli fil-fond 10, Triq il-Fatati, Hamrun. Ipprecizat illi billi kienet saret serqa bi sgass, fejn insterqu l-mobbli, dawk il-mobbli thallew barra mill-pretensjoni taghhom.

Kompliet tixhed illi fil-Bank of Valletta plc hemm kont bin-nru. 387026614 li jappartjeni fl-intier tieghu lil Valentina Briffa. Fid-data tal-mewt taghha, fil-kont kien hemm bilanc ta` Lm 3,020.95c.

Stqarret illi Valentina Briffa kienet il-proprjetarja ta` nofs indiviz mill-kontijiet bankarji li kellha ma` zewgha Paul Briffa fl-HSBC Bank Malta plc. Fid-data tal-mewt ta` Valentina Briffa, il-kontijiet kienu : current account nru. 231256822 : bilanc ta` Lm 353.88 ; fixed deposit account nru. 237034856 bilanc ta` Lm 1500 ; u fixed deposit account nru. 237045270 : bilanc ta` Lm 9,000. L-ammont kapitali li jispetta lill-wirt ta` Valentina Briffa huwa ta` Lm 5,426.94c.

Kompliet tixhed illi fuq il-kapital depozitat kien jiddekorri l-imghax. L-atturi huma ntitolati ghall-imghaxijiet fuq l-ammonti ta` Valentina Briffa mill-gurnata tal-mewt taghha sad-data tal-pagament effettiv.

Sostniet illi l-imghax generat mill-fixed account tal-Bank of Valletta plc jammonta Lm 4,561.20c.

Qalet illi ghar-rigward tal-kontijiet tal-HSBC Bank Malta plc, l-imghax tal-fixed deposit account bejn id-data tal-mewt ta` Valentina Briffa sal-1993 kien ta` 5% fis-sena filwaqt li l-imghax bejn is-snin 2002 sal-2012 jirrizultaw mid-dokumenti li hareg il-bank stess. Ghar-rigward tas-snin ta` bejn l-1993 u l-2002 ma kienx possibli li tingieb l-informazzjoni, ghalhekk l-atturi kkalkolaw imghax ta` 4% u cioe` anqas mir-rata offruta fl-2002 u anqas mill-*weighted average interest rate* offrut mill-banek lokali hekk kif jirrizulta minn taghrif li hareg l-NSO. Hija kkalkolat li l-imghax mill-kont nru. 237034856 jammonta ghal €2,439.58 waqt li l-imghax mill-kont nru. 237045270 jammonta ghal €14,482.55c. Ghalhekk l-imghax totali dovut huwa ta` €27,546.86c.

Finalment irrilevat illi Valentina Briffa kellha wkoll il-kwart indiviz mill-qabar fic-Cimiterju ta` l-Addolorata.

**L-attur Frank Tartaglia** kkonferma bil-gurament tieghu il-korrettezza tal-kontenut ta` l-affidavit ta` ohtu Mary Caruana. Kull decizjoni li ttiehdet mill-atturi fil-kaz tal-lum ittiehed minnhom flimkien wara li kkonsultaw lil xulxin.

Fl-istess sens xehdu l-atturi **Sylvia Cassar u Doris Farrugia.**

Wara li kkonfermat il-kontenut tal-affidavit tal-attrici Mary Caruana, **l-attrici Carmen Vella** xehdet illi c-cavetta tal-fond 10 Triq il-Fatati, Hamrun, li kienet annessa ma` l-affidavit ta` ohtha Mary Caruana, kienet izzommha hija peress li hija kienet tmur tara liz-ziju Paul Briffa flimkien ma` zewgha Arthur. Kemm–il darba dan kien ikun fil-gnien u ma kienx jisma` l-qanpiena ta` barra jew kien ikun fis-sodda marid ; ghalhekk kienet tiza c-cavetta biex tidhol. Ic-cavetta tahielha Paul Briffa fix-xahar ta` Awissu 1993. Sal-mewt tieghu fil-21 ta` Mejju 1996, is-serratura tal-bieb inbidlet. Kienet cemplet lil Joseph D`Ugo biex tara x`gara u dan kien ammetta maghha li kien hu li biddel is-serratura tal-bieb, izda rrifjuta li jaghtiha kopja tac-cavetta. Wara l-mewt ta` Paul Briffa, ma kellhiex izjed access ghad-dar.

**Paul Gambina** – rapprezentant tal-Bank of Valletta plc - ikkonferma li fis-16 ta` Marzu 1989, Paolo u Valentina Briffa kellhom il-kontijiet li jidhru fid-Dok A1 u A2. Il-Bank of Valletta qatt ma kellu Special Repatriation Deposit Pass Book.

**Romuald Attard** – rapprezentant iehor tal-Bank of Valletta plc - ikkonferma d-dokumenti ezebiti a fol 206 u 207 tal-process kif ukoll il-kontenut ta` Dok BOV1. Qal illi bejn l-1990 u 1991, il-bank kien biddel in-numru tal-kont bankarju l-antik ghal wiehed gdid. Pero` ma setax isib il-'corresponding account number'. Pero` sab ittra li kienet intbaghtet mil-legal office taghhom fl-1989 li tghid li l-kont kellu Lm 4,000 u li minnu kienet thallset it-taxxa tas-successjoni. Ma setax isib informazzjoni dwar fejn marru il-flus tal-kont. Il-kont kien isejjah lil Valentina Briffa. Dan il-kont ma nstabx fl-1990 biex jigi konvertit ghas-sistema l-gdida. Fit-23 ta` Gunju 1993, instab term deposit account f`isem Paul Briffa bl-ammont ta` Lm3,000 kif ukoll iehor fit-3 ta` Novembru 1993 b` ammont ta` Lm 2,000.

**Renzo Gonzi** – rapprezentant iehor tal-Bank of Valletta plc – ipprezenta statements dwar kont nru 13809813029 li sas-17 ta` Ottubru 2014 kellu bilanc ta` €25,231.11c. Ipprezenta statements relattivi ghal kont nru 13809813032 li sas-17 ta` Ottubru 2014 kellu bilanc ta` €1,929.91c u statatement tal-kont nru 40011863856 li sas-17 ta` Ottubru 2014 kellu bilanc ta` €11,589.02c. Il-kont nru 13809813016 kien spicca fl-20 ta` Awissu 2002 billi l-bank ma baqax joffri dak it-tip ta`kont. Dwar Valentina Briffa, qal li ma kien ghad hemm l-ebda kont miftuh f`isimha. Kien hemm fixed term deposit account nru 387026614 li kellu bilanc ta` Lm 3,020.95c izda dan il-kont inghalaq. Ma hemmx record ta` meta nghalaq ghax ir-records tal-bank imorru lura biss sa ghaxar snin.

**Frances Zammit** – rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc – xehdet li l-kontijiet kienu kollha f`isem Paul Briffa. Il-bank izomm statements lura sa ghaxar snin biss. L-account numbers inbidlu. L-istatements jirrigwardaw kontijiet li kienu jezistu fl-1989 ; ghalhekk l-ammont li hemm imnizzel fil-bidu ta` l-statements jirrifletti l-bilanc li kien hemm qabel. Ix-xhud ipprezentat ukoll ir-rati ta` l-imghax li nghata matul is-snin wara l-mewt ta` Valentina Briffa sal-lum. Ir-rati jghoddu kemm ghall-fixed accounts kif ukoll ghas-savings accounts. Ma rrizultawx kontijiet f`isem Valentina Briffa.

## III. L-eredi ta` Valentina Briffa

Jirrizulta ppruvat illi l-hames atturi, ahwa Tartaglia, huma l-eredi ta` Valentina Briffa, mart Paolo Briffa. Hekk kien ukoll ikkonfermat bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Ottubru 2007 li hija gudikat.

Valentina u Paolo Briffa mietu mproli. L-ewwel ma mietet kienet Valentina Briffa fis-16 ta` Marzu 1989. Paolo Briffa miet fil-21 ta` Mejju 1996.

**IV.** **<u>L-eredi ta` Paolo Briffa</u>**

Mhuwiex kontestat illi l-konvenuti huma l-eredi ta` Paolo Briffa.

**V.** **<u>Konsistenza tal-assi ereditarji ta` Valentina Briffa</u>**

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-assi ereditarji ta` Valentina Briffa huma dawn :-

**A.** **<u>Immobbli</u>**

**1) In-nofs indiviz tal-enfitewsi temporanja tad-dar 10, Triq il-Fatati, Hamrun bil-gnien anness maghha**

Huwa ppruvat illi Valentina u Paolo Briffa akkwistaw il-fond fuq riferit b`titolu ta` enfitewsi temporanja waqt iz-zwieg taghhom. Il-fond kien id-dar taz-zwieg taghhom. L-atturi ghandhom jedd ghan-nofs indiviz ta` dan il-fond, ghal liema nofs indiviz jirrizulta li hallsu u ghadhom ihallsu l-canone lid-direttarju li huwa l-Ufficcju Kongunt. In-nofs indiviz l-iehor huwa tal-konvenuti bhala eredi ta` Paolo Briffa.

**2) Il-kwart indiviz tal-qabar fic-Cimiterju ta` Santa Maria Addolorata bin-nru 29, Division East, Section Letter KA, Compartment Letter B**

Huwa ppruvat li dan il-qabar kien akkwistat in kwantu ghal nofs minn Valentina u Paolo Briffa waqt iz-zwieg taghhom u in kwantu ghan-nofs l-iehor minn Joseph Tartaglia li jigi hu Valentina Briffa u missier l-atturi.

Bhala eredi ta` Valentina Briffa, l-atturi ghandhom jedd ghall-kwart indiviz ta` dan il-qabar.

**Iz-zewg immobbli mhux komodament divizibbli u ghaldaqstant ghandhom jinbieghu b`licitazzjoni.**

**B. <u>Depoziti</u>**

**1) <u>HSBC Bank Malta plc</u>**

Skond id-dokumenti li pprezenta l-bank, jirrizulta li fis-16 ta` Marzu 1989 (data tal-mewt ta` Valentina Briffa), il-konjugi Briffa kellhom tlett kontijiet :-

a) Il-kont bin-nru. 023005846001 (gia` nru. 231256822) li kien fih Lm 353.88c ;

b) Il-kont bin-nru. 023005846101 (gia` nru. 237034856 u qablu nru. L 242114) li kien fih Lm 1,500 ; u

c) Il-kont nru. 023005846102 (gia` nru. 237045270 u qablu nru. X128558) li kien fih Lm 9,000.

Billi huwa ppruvat li l-flus depozitati fil-kontijiet jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Briffa, l-atturi qua eredi ta` Valentina Briffa ghandhom dritt ghan-nofs il-flus depozitati, ossija s-somma kapitali ta` Lm 5,426.94c.

Bejn il-partijiet hemm qbil illi l-atturi ghandhom dritt ghal imghaxijiet fuq Lm 5426.94. Bejn is-16 ta` Marzu 1989 u s-16 ta` Marzu 2014 l-imghaxijiet kienu jammontaw ghal Lm 5,265,79c.

Bejn il-partijiet hemm qbil li l-atturi ghandhom jiehdu s-somma ta` Jidher li l-partijiet qablu li ghalhekk l-eredi ta` Valentina Briffa iridu jiehdu s-somma ta` Lm 10,692.73c (Lm 5426.94 + Lm 5,265.79) ekwivalenti ghal € 24,907.36, liema figura qeghda tigi arrotondata ghal €25,000.

L-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiehu in konsiderazzjoni l-kontenut tad-denunzja tas-successjoni ta` Valentina Briffa nru 2022/80. Skond l-atturi hemm iddikjarat illi fid-data tal-mewt ta` Valentina Briffa, kien hemm zewg passbooks tal-Mid Med Bank fl-ammont komplessiv ta` Lm 7440 (Lm 7,000 + Lm 440). Ghalhekk qed jitolbu n-nofs indiviz ta` dan l-ammont flimkien ma` l-imghaxijiet akkumulati.

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kopja ta` din id-denunzja kien prezentata mill-atturi *in extremis* flimkien ma` nota taghhom fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2015 (fol 760).

Fid-denunzja in kwistjoni (fol 761 u 762) jinghad hekk :-

*Central Bank of Malta (Special Repatriation Deposits)*
*(Registered Mid-Med Bank)*
*Passbook No 003060 (for Lm 7000)*
*Passbook No 10351 (for Lm 440)*

Tosserva li d-denunzja ma kenitx prezentata minn Paolo Briffa izda mill-avukat tieghu. Kien l-avukat li ha l-gurament tal-kontenut tad-denunzja. Mid-denunzja ma jirrizultax fuq min kienu registrati dawn id-depoziti ghalkemm huwa dikjarat li kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-pretensjoni partikolari tal-atturi.

Il-Qorti ssib li, apparti l-presentata tad-denunzja, l-atturi ma ghamlux il-prova tal-ezistenza ta` dawn iz-zewg depoziti.

Jirrizulta li xehdet rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013. Fl-ingunzjoni kien hemm lista ta` fatti li dwarhom ir-rapprezentant tal-bank kien mitlub jixhed. Fil-lista ma tirrizulta l-ebda

riferenza ghad-depoziti in kwistjoni (fol 627). Ma jirrizultax li saret xi domanda lix-xhud dwar iz-zewg kontijiet fuq riferiti. L-istess Frances Zammit rega` xehdet fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014. U lanqas hemm ma kienet domandata dwarhom.

L-atturi ma ressqux provi ohra dwar il-passbooks ; lanqas b`rapprezentant tal-Bank Centrali ta` Malta.

L-onus tal-prova kien jispetta lill-atturi. Din il-Qorti ma tarax li l-fatt li tnizzlu l-passbooks fid-denunzja ta` Valentina Briffa jikkostitwixxi prova sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghalhekk din il-pretensjoni partikolari tal-atturi qeghda tkun respinta.

**2) <u>Bank of Valletta plc</u>**

Irrizulta li Valentina Briffa kellha kont bankarju bin-nru. 387026614 f` isimha wahedha bl-ammont ta` Lm 3,020.95c.

Hemm qbil li fuq dan l-ammont bejn il-mewt ta` Valentina Briffa u s-27 ta` Gunju 1997 iddekorra imghax fl-ammont ta` Lm 1,264.14c.

Hemm ukoll qbil li fis-27 ta` Gunju 1997 l-atturi ghamlu zbank ta` Lm 3,627.50c mill-Mid Med Bank liema somma thallset lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward ta` *settlement of CIR bill ino Valenttina Briffa deceased.* Irrizulta li l-izbank sar mill-kont nru 237034865 (illum 023005846101) li kien 'joint'.

Hemm qbil li mis-somma ta` Lm 4,267.09c (Lm 3020.95c + Lm 1,246.14c) tonqos is-somma ta` Lm 3,627.50c u b`hekk jifdal l-ammont favur l-atturi ta` Lm 639.59c ekwivalenti ghal €1,489.84c li gie arrotondat ghal €1,500.

**VI. <u>Spejjez tas-sentenza tal-31 ta` Ottubru 2007</u>**

L-ispejjez u d-drittijiet skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Ottubru 2007 ghandhom jithallsu l-ewwel mill-kontijiet bankarji qabel ma jsir kwalsiasi zbank mill-konvenuti jew rapprezentanti taghhom.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u ghalhekk tillikwida s-sehem tal-mejta Valentina Briffa mill-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti ma` zewgha l-mejjet Paolo Briffa kif ukoll l-assi parafernali ta` l-istess Valentina Briffa bhala dawk li jinsabu elenkati u ndikati fit-taqsima ta` din is-sentenza hawn fuq riferita bhala "V. Konsistenza tal-assi ereditarji ta` Valentina Briffa".**

**Tilqa` t-tielet talba u tordna li ssir qasma bejn l-assi ndikati ghall-fini tat-tieni talba li jaghmlu l-wirt ta` Valentina Briffa, u l-assi l-ohra li jaghmlu l-wirt ta` zewgha Paolo Briffa.**

**Tilqa` r-raba` talba b`dan illi l-ordni qeghda ssir fil-konfront tal-konvenuti kollha li ghandhom tliet xhur zmien sabiex jirreintegraw lill-atturi fil-pussess tal-assi ereditarji ta` Valentina Briffa hekk kif indikat fit-tieni talba.**

**Tilqa` l-hames talba u tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` l-immobbli li jinsabu elenkati u ndikati fit-taqsima ta` din is-sentenza hawn fuq riferita bhala "V. Konsistenza tal-assi ereditarji ta` Valentina Briffa" billi rrizulta li l-immobbli hemm riferiti mhumiex komodament divizibbli.**

**Tilqa` s-sitt talba. Tahtar lin-Nutar Pubbliku ta` Malta Nicholas Vella sabiex jippubblika l-att ta` divizjoni u lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-kuraturi deputati, ghandhom jithallsu mill-konvenuti solidament bejniethom, b`dan illi l-kuraturi deputati personalment ma ghandhom jinkorru l-ebda spejjez.[i].**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**

---

[i] B`digriet moghti fid-19 ta` Novembru 2015 il-kliem "Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu mill-konvenuti kollha solidament bejniethom" gie mibdul ghal "Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-kuraturi deputati, ghandhom jithallsu mill-konvenuti solidament bejniethom, b`dan illi l-kuraturi deputati personalment ma ghandhom jinkorru l-ebda spejjez."
".